

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — Alcon Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), *Acri.Tec AG Gesellschaft für ophthalmologische Produkte

(Kawża C-481/08 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali BioVisc — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade marks verbali Komunitarji u internazzjonali PROVISC u DUOVISC — Oppożizzjoni miċħuda mill-Bord tal-Appell tal-UASI)

(2010/C 11/16)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Appellant: Alcon Inc. (rappreżentant: M. Graf, Rechtsanwalt)

Appellati: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent), *Acri.Tec AG Gesellschaft für ophthalmologische Produkte (rappreżentant: H. Förster, Rechtsanwalt)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla), tal-10 ta' Settembru 2008, Alcon vs UASI u *Acri.Tec (T-106/07) li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors għal annullament ippreżzentat mill-proprietarju tat-trade marks verbali Komunitarji u internazzjonali "PROVISC" u "DUOVISC" għal prodotti fil-klassi 5 kontra d-Deċiżjoni R 660/2006-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-8 ta' Frar 2005, li tannula d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tirrifjuta r-registrattazzjoni tat-trade mark verbali "BioVisc" għal prodotti fil-klassi 5 fil-kuntest tal-oppożizzjoni mressqa mill-appellant.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Alcon Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Settembru 2009 — Município de Gondomar vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-501/08 P) ⁽¹⁾

(Appell — Fondi ta' Koejžjoni — Regolament (KE) Nru 1164/94 — Revoka ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja — Rikors għal annullament — Ammissibbilità — Atti li jikkonċernaw direttament u individwalment lill-appellant)

(2010/C 11/17)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Appellant: Município de Gondomar (rappreżentanti: J.L. da Cruz Vilaça u L. Pinto Monteiro, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u B. Conte, aġġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Settembru 2008, Município de Gondomar vs Il-Kummissjoni (T-324/06), li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli t-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 3782 tas-16 ta' Awwissu 2006, dwar ir-revoka tal-ghajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Fond ta' Koejžjoni għall-proġetti Nru 95/10/61/017 intitolat "Żvilupp ta' Grand Porto Sud — Sottosistema ta' Gondomar".

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Il-Município de Gondomar huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 24.01.2009

⁽¹⁾ ĠU C 19, 24.01.2009